MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-9 ta' Frar, 2015

Mandat Numru. 42/2015/1

**Danielle Mizzi (I.D. 537263M) u Joan Engerer (I.D. 448657M)**

***kontra***

**Hector Spiteri fil-kwalita` tieghu ta` ezekutur testamentarju tal-eredita` ta` Edith Pace**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") kontra l-intimat fit-12 ta` Jannar 2015. Mar-rikors kienu prezentati tliet dokumenti.

Fit-12 ta` Jannar 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimat ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta, 27 ta` Jannar 2015, fil-11.00 a.m.

L-intimat kien notifikat fit-12 ta` Jannar 2015 u pprezenta risposta bil-miktub fl-20 ta` Jannar 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tas-27 ta` Jannar 2015.

Il-Qorti rat id-dokumenti li kienu prezentati fil-kors ta` l-udjenza.

Rat ukoll id-dokumenti li kienu prezentati in segwitu mir-rikorrenti, hekk kif awtorizzati.

Rat ukoll l-atti tar-rikors nru 923/2013 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) fl-ismijiet *Rikors ta` Hector Spiteri.*

Semghet fl-udjenza hawn fuq riferita lid-difensuri tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Dakinhar ir-rikors thalla ghal provvediment "*in camera*".

Dan huwa l-provvediment.

## II. **<u>It-talba</u>**

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni sabiex izomm lill-intimat milli :-

*Jagixxi ta` ezekutur testamentarju tal-eredita` tal-mejta Edith Pace armla minn Hannibal George Pace bint John Borg u Evelyn nee` Fenech li mietet fid-19 ta` Awwissu 2012 sakemm tigi deciza l-kawza hawn imsemmija u fit-termini tas-sentenza moghtija fl-istess kawza.*

Jirrizulta li l-kawza li tirriferi ghaliha t-talba tar-rikorrenti hija dik fl-ismijiet *"Danielle Mizzi et vs Erika Spiteri et" (Rik. Gur. Nru. 21/2015)* li kienet prezentata fit-12 ta` Jannar 2015 (u allura kontestwalment mal-presentata tar-rikor tal-lum) u li hija appuntata ghall-ewwel dehra taghha fid-19 ta` Frar 2015 quddiem din il-qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland.

## III. **<u>Il-pretensjoni tar-rikorrenti</u>**

Il-genituri tar-rikorrenti, Hannibal George u Edith Pace huma mejtin. Il-komunjoni tal-akkwisti ta` bejniethom mhijiex likwidata u lanqas maqsuma ; l-istess il-beni parafernali taghhom. Hannibal George Pace miet l-ewwel (16 ta` Jannar 2005). Ghamel zewg testmenti (Dok D u E) ; fihom ma hatar l-ebda ezekutur testamentarju. Edith Pace mietet fid-19 ta` Awissu 2103 ; is-successjoni taghha hija regolata bit-testmenti (Dok F u G) ; hija hatret zewg ezekuturi testamentarji li minnhom it-tnejn, l-intimat biss accetta l-hatra. Fil-qosor, ir-rikorrenti jsostnu li Edith Pace halliet b`titolu ta` prelegat (mhux lir-rikorrenti) assi li jappartjenu lill-wirt ta` zewgha bla ma ghamlet id-dikjarazzjoni rikjesta mil-ligi li dawk l-assi kienu *legati di cosa altrui.* Skond ir-rikorrenti, huma widdbu lill-intimat sabiex b`ebda mod ma jiddisponi mill-assi tal-wirt ta` Edith Pace qabel ma jaccerta ruhu li kollox kien jappartjeni lill-istess Edith Pace u mhux lil Hannibal George Pace <u>wkoll</u> (Dok B). Skond ir-rikorrenti, ir-reazzjoni tal-intimat kienet li l-kwistjoni kellha tigi deciza mill-Qorti (Dok C).

## IV. <u>Mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti</u>

Hekk jirrizulta :-

1) Il-partijiet fil-kawza fl-ismijiet *"Danielle Mizzi et vs Erika Spiteri et" (Rik. Gur. Nru. 21/2015)* huma r-rikorrenti tal-lum bhala l-atturi, u huthom Erika Spiteri (li tigi l-mara tal-intimat tal-lum), ohtha l-ohra Rosanna Rizzo, u l-intimat odjern bhala konvenuti.

2) Il-wirt tal-konjugi Pace jikkonsisti minn depoziti bankarji, investimenti, mobbli u mmobbli.

3) Fost it-talbiet li ghamlu r-rikorrenti saru fil-kawza fl-ismijiet *"Danielle Mizzi et vs Erika Spiteri et" (Rik. Gur. Nru. 21/2015)* hemm is-sitt talba li tghid : *Tordna lill-konvenut Hector Spiteri sabiex, bhala ezekutur*

*testamentarju ta` Edith Pace, ma jipprocedix ghal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta` Edith Pace jekk mhux ai termini tas-sentenza* fl-istess kawza.

## V. Id-difiza tal-intimat

*Sintetikament*, il-kontestazzjoni tal-intimat hija fl-ewwel lok l-intempestivita` tat-talba ghaliex l-intimat ghadu ma giex konfermat bhala ezekutur testamentarju mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja). Imbaghad fil-mertu, it-talba ghandha tkun respinta ghjaliex l-operat ta` ezekutur testamentarju huwa soggett ghall-kontroll tal-eredi ; inoltre l-Qorti ma tistax tissostitwixxi ruhha ghar-rieda tat-testatrici.

## VI. L-Art 762 et seq tal-Kap 16

L-**Art 762 et seq** tal-Kodici Civili jirregolaw il-hatra u l-operat ta` l-esekutur testamentarju. Ghalkemm it-testatur jahtar l-esekutur testamentarju (**Art 762**), l-esekutur ma jistax jindahal fl-amministrazzjoni tal-assi tat-testatur qabel ma jigi mwettaq mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja)(**Art 765**). Skond l-**Art 766(1)**, *il-qorti ma twettaqx l-esekutur testamentarju qabel ma dan ikun obbliga ruhu fl-atti tal-qorti, b`ipoteka ta` hwejgu imnizzla fir-Registru Pubbliku, li jesegwixxi sewwa l-volontà tat-testatur, u li jaghti kont tal-amministrazzjoni tieghu kull sena, jew darba wahda biss, kif jigi ordnat mill-qorti, skont il-kaz.* Fl-**Art 769**, il-ligi tghid illi *l-esekutur jista`, fi zmien il-procedura ghat-twettiq tieghu jaghmel dawk l-atti li ma jistghux minghajr hsara jigu mdewma, u jista` jaghmel dak li hu mehtieg sabiex l-assi jigi kkonservat.* Hemm imbaghad l-**Art 771** li jirregola s-setgha tal-esekutur li jbiegh proprjetà. Fis-subinciz (1) jinghad illi *l-esekutur testamentarju, sew biex ihallas id-djun tal-wirt jew biex ihallas il-legati, jista`, jekk ma jkunx hemm flus fil-wirt, jew ma jkunx hemm bizzejjed, jigbor krediti, u, fin-nuqqas ta` dawn, ibiegh hwejjeg tal-wirt.* Fis-subinciz (2) jinghad li *l-bejgh ghandu jsir bl-irkant pubbliku, jekk il-werrieta ma jaghtux il-kunsens taghhom, jew il-qorti, fuq rikors tal-esekutur, ma taghtix, li l-bejgh isir xort`ohra.* L-**Art 777** jittratta l-kaz fejn it-testatur jahtar

izjed minn esekutur wiehed (bhal fil-kaz tal-lum ghaliex inhatru tnejn) u wiehed ma jaccettax l-inkariku (kif gara fil-kaz tal-lum). Meta jigri hekk il-qorti *tista` twettaq lill-esekutur jew esekuturi li jibqghu, u taghtihom is-setgha li jesegwixxu t-testment bhallikieku kienu gew huma biss mahtura mit-testatur, izda dan kemm-il darba l-qorti tkun tal-fehma li huma ghandhom il-hila mehtiega.*

**VII. <u>L-atti tar-Rikors Nru 923/2013</u> :**

**Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja)**

Fost l-atti ta` dak il-process, jirrizulta li fl-24 ta` Settembru 2013, l-intimat ipprezenta rikors fejn talab il-konferma tieghu bhala esekutur testamentarju tal-wirt ta` Edith Pace. Fost dokumenti ohra, l-intimat ipprezenta bhala Dok A nota deskrittiva tal-*assets and liabilities* tal-wirt ta` Edith Pace.

Fis-6 ta` Jannar 2014, ir-rikorrenti Danielle Mizzi pprezentat rikors fejn, ghar-ragunijiet li ndikat u skond dokumenti li pprezentat, talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talba tal-intimat ghall-konferma tieghu bhala esekutur testatamentarju tal-wirt de quo.

Fl-10 ta` Jannar 2014, l-intimat wiegeb ghar-rikors ta` Danielle Mizzi fis-sens illi l-opposizzjoni taghha kienet infondata.

Fit-23 ta` Jannar 2014, ir-rikorrenti Joan Engerer ipprezentat nota fejn tat ir-ragunijiet taghha ghala l-intimat ma kellux ikun konfermat esekutur.

Wara l-presentata ta` serje ta` atti, fid-9 ta` Mejju 2014, il-Qorti ordnat lill-intimat sabiex jipprocedi ghall-formazzjoni tal-inventarju (Art 767 tal-Kap 16) u sabiex jaghti l-garanzija kontemplata bl-Art 766 tal-Kap 16.

Fid-19 ta` Novembru 2014, il-Qorti tat digriet fejn ordnat li l-pubblikazzjoni tal-inventarju ssir taht il-ministeru tan-Nutar Dottor Anne Bugeja fid-9 ta` Dicembru 2014 fid-9.00 a.m. fl-ufficcju Level One, Suite Five, Tower Business Centre, Tower Street, Swatar.

Billi mhux l-interessati kollha kienu notifikati bid-digriet tad-19 ta` Novembru 2014, il-Qorti tat digriet iehor fis-16 ta` Dicembru 2014 fejn ordnat li l-pubblikazzjoni tal-inventarju ssir fil-21 ta` Jannar 2015 fit-3.00 p.m.

Fl-14 ta` Jannar 2015, ir-rikorrenti fil-procediment tal-lum ipprezentaw rikors fejn *inter alia* wara li ghamlu riferenza ghall-kawza fl-ismijiet *"Danielle Mizzi et vs Erika Spiteri et" (Rik. Gur. Nru. 21/2015)* u ghall-procediment tal-lum, talbu r-revoka tad-digriet tas-16 ta` Dicembru 2014, li tkun respinta t-talba tal-intimat kif dedotta fir-rikors tieghu tal-24 ta` Settembru 2013, u li fil-kaz li jkun hemm konferma tal-hatra tal-intimat bhala esekutur testamentarju ta` l-wirt ta` Edith Pace, ma jithalliex jiddisponi minn assi li ma jaghmlu parti mill-wirt ta` Edith Pace.

Fil-15 ta` Jannar 2015, il-Qorti tat digriet fejn *inter alia* qalet hekk :-

*Wara li rat id-digriet tal-Qorti Civili tat-12 ta` Jannar 2015 (atti mandat 42/15) tqis li jkun opportun li f`dan l-istadju ma ssirx il-pubblikazzjoni tal-inventarju skedata ghall-21.01.2015. B`dan il-mod jigu evitati spejjez bla bzonn. Ghaldaqstant tordna li l-inventarju ma jigix pubblikat fil-21 ta` Jannar 2015.*

*B`dan li qeghda tirrizerva li tipprovdi dwar l-istess wara li tara l-provvediment finali li ghad irid jinghata dwar ir-rikors numru 42/2015.*

## VIII. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

Skond **<u>l-ewwel subinciz tal-Art 873 tal-Kap 12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond **<u>it-tieni subinciz</u>** tal-istess artikolu –

*Il-Qorti* ***<u>m`ghandhiex</u>*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent `prima facie` jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Meqjusa **<u>flimkien</u>** iz-zewg subincizi, jirrizulta li sabiex jista` jinkiseb il-hrug tal-Mandat, iridu jissussistu **<u>flimkien</u>** dawn ir-rekwiziti :-

1) Il-jedd *prima facie* tar-rikorrent ;
2) Il-htiega ghar-rikorrent li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta`l-jedd ; u
3) Il-pregudizzju tar-rikorrent.

Tajjeb li jinghad illi dawn ir-rekwiziti **huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Li allura jfisser illi jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

**IX. Risultanzi**

**1) Il-jedd *prima facie* tar-rikorrent**

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza "**Grech pro et noe vs Manfre**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar "il-jedd *prima facie*" :-

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Jirrizulta illi la fid-data tal-presentata tar-rikors tal-lum, u lanqas wara, l-intimat **ma kien konfermat** mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) bhala esekutur testamentarju tal-wirt ta` Edith Pace. Infatti bis-sahha tal-Art 767 tal-Kap 16, il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) ordnat lill-intimat sabiex *jaghmel inventarju tal-hwejjeg* li kien se jamministra *qabel* ma twettqu bhala esekutur. Ghar-ragunijiet diga` mfissra, l-inventarju baqa` ma kienx ippubblikat u allura l-intimat baqa` ma kienx imwettaq fil-hatra tieghu.

Dan kollu pero` ma jfissirx li l-intimat ghandu ragun isostni li t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` l-Mandat hija intempestiva fis-sens illi l-intimat ma kienx ghadu mwettaq fil-hatra tieghu bhala esekutur mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja).

Fl-isfond tal-pretensjonijiet li ddeducew fil-kawza fl-ismijiet *"Danielle Mizzi et vs Erika Spiteri et" (Rik. Gur. Nru. 21/2015)*, u kif jirrizulta mill-atti fuq riferiti tal- Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), it-talba tar-rikorrenti hija **specifikament** intiza biex ma thallix lill-intimat **jagixxi** bhala esekutur testamentarju tal-wirt ta` Edith Pace.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi r-rikorrenti ghandhom jedd *prima facie* li jaghmlu talba kif dedotta anke jekk ghad ma hemmx konferma tal-intimat bhala esekutur testamentarju. Il-Qorti tghid dan in vista ta` dak li jipprovdi l-**Art 769 tal-Kap 16**. Bis-sahha ta` dik id-disposizzjoni, l-esekutur jista`, fi zmien il-procedura ghat-twettiq tieghu, li jfisser qabel il-konferma tieghu, jaghmel dawk l-atti li ma jistghux minghajr hsara jigu mdewma, u jista` jaghmel dak li hu mehtieg sabiex l-assi tal-wirt jigi kkonservat.

Huwa evidenti li l-Art 769 jaghti setghat lill-esekutur mhux konfermat li jagixxi fir-rigward tal-wirt. Tenut kont tal-kontestazzjoni qawwija li qeghdin jaghmlu r-rikorrenti dwar il-konsistenza materjali u legali tal-wirt ta` Edith Pace, fatt li huwa evidenti bl-aktar mod car mill-atti tar-rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), huwa legittimu tal-inqas *prima facie* d-dritt tar-rikorrenti li jaghmlu talba sabiex l-intimat ma jithalliex jagixxi ta` esekutur, anke jekk ghadu mhux konfermat.

Fil-provvediment taghha tat-28 ta` Novembru 2014 fil-procediment fl-ismijiet "**Dragonara Gaming Limited vs Il-Ministeru tal-Finanzi et**", din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*Tqis li l-ligi nnifisha taghti li Mandat ta` Inibizzjoni jista` jintalab u jinhareg fejn parti tkun ghadha mqar sejra taghmel azzjoni quddiem qorti, u dan tghoddu bhala jedd bizzejjed biex issir talba ghall-hrug ta` Mandat bhal dak. Il-ligi taghti wkoll rimedju ghal min jabbuza mill-hrug ta` atti kawtelatorji, imma ma ccahhadx minn qabel li wiehed jinqeda minnhom.*

Ghar-rigward tal-posizzjoni li ha l-intimat fil-mertu, il-Qorti tirrileva li fejn se jwassal jew x`jista` jkun l-esitu tal-kawza li kienet istitwita mir-rikorrenti fil-petitorju mhuwiex rilevanti ghall-fini ta` l-procediment tal-lum ghaliex bil-fatt li tintlaqa` t-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ma jfissirx illi l-jedd huwa ppruvat ; kif lanqas ma jfisser li ghax tkun michuda talba ghall-hrug ta` l-Mandat, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Il-procedura tal-lum hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Din il-Qorti tkompli ssostni, ghall-kjarezza u ghas-skans ta` ekwivoci, li fil-procedura tal-lum mhuwiex il-kompitu taghha li tistabilixxi drittijiet ta` natura petitorja. Ir-rwol taghha specifikament ghall-fini tal-procedura tal-lum huwa, mill-kliem tal-ligi stess, ristrett u limitat, u cioe` mhux li tidhol fil-mertu, izda li tistabilixxi jekk fil-kaz tal-lum jirrizultawx sodisfatti r–rekwiziti ta` l-Art 873 tal-Kap 12. Hadd ma jista` jew ma ghandu jippretendi li mad-“daqqa t`ghajn” ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi t-tilwima ta` bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

**2) Il-htiega ghar-rikorrenti li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta` l-jedd u l-pregudizzju**

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent **jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli**. Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet

"**<u>Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**<u>ara wkoll</u>** : il-provvediment ta` din il-Qorti **<u>PA/AM</u>** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**<u>Borg Grech vs Gasan et noe</u>**")

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi r-rekwiziti tal-*htiega* u tal-*pregudizzju* jissussistu wkoll. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, ma tressqux ghall-konjizzjoni tal-Qorti rimedji gudizzjarji alternattivi li minnhom ir-rikorrenti setghu jaghzlu sabiex jizguraw li l-jedd *prima facie* li ghandhom jithares b`mod effettiv. Jekk l-intimat ma jkunx inibit kif qieghed jintalab, ir-rikorrenti igarrbu pregudizzju fil-jedd taghhom li difficilment jissewwa xort`ohra ; anke jekk fil-kuntest tal-Art 769 tal-Kap 16, eventwali trasferiment mill-intimat, ghax ma jkunx inibit, ta` dawk mill-assi li r-rikorrenti jikkontendu li ma ghandhomx jaghmlu parti mill-wirt ta` Edith Pace, fil-mori tal-kawza fil-petitorju fuq riferita, jiftah xenarju ta` litigazzjoni b`esitu u konsegwenzi ghal kollox imprevedibbli, specjalment jekk ikunu nvoluti terzi.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat kif dedotta fir-rikors taghhom tat-12 ta` Jannar 2015. Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------